MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 416/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. A.P. Miruzzi)**
**Vs**
**Joseph Cioffi**

Il-Qorti,

1.Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta’ Settembru, 2008 u fit-tletin jum li jigu qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, naqas li japplika ghar-registrazzjoni mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fi zmien tletin jum mid-data li fiha ghamel provvista taxxabbli u dan bi ksur ta’ l-artikoli 10 u 76 ta’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998).

Talli fl-20 ta’ Awwissu 2008, f’dawn il-Gzejjer, naqas li jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali f’ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh

ta’ provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, w dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77 (a) u (e) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Settembru, 2010, li biha wara li rat il-partiti 1 u 2 tat-Tlettax il-Skeda w l-artikoli 10, 51, 76 u 77(a)(e) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ikkundannatu multa ta’ disa’ mija w hamsin Euro (€950).

3. Il-Qorti b’applikazzjoni ta’ l-artikolu 76 tal-Kapitolu 406 ordnat lill-appellant sabiex fi żmien tliet xhur jikkonforma ruhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel multa ohra ta’ hmistax il-Euro (€15) ghal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien.

4. Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta’ Ottubru, 2010, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena, u mill-obbligu li jirregistra mal-VAT taħt penali.

5. L-aggravju tal-appellant huwa li f’dan il-każ kien hemm konflitt serju ta’ provi bejn dak illi xehdet is-sinjura u dak illi xhed l-imputat appellanti. Il-persuna li xehdet kontra tiegħu kienet manifestament tidher bħala persuna instabbli ħafna, nervuża u dak li jfettlilha f’rasha tagħmlu. Tant hu hekk li l-mod kif qabdet u ħadet l-Identity Card baqa’ misteru anke quddiem l-Ewwel Qorti.

6. Il-fatt illi huwa mar jixtri għaliha oġġetti u tahomlha u tħallas ma kienx ifisser illi huwa kien qed jagħmel negozju. Jekk ġieli ralha l-magna bi pjaċir ma jfissirx li huwa kien fetaħ b’negozju għal rasu u allura kellu bżonn jirreġsitra għall-VAT.

7. Biex l-appellant kellu identity card kellu jmur jaghmel ohra.

8. Illi l-kwadru tal-fatti ghalhekk ma kienx iwassal ghall-imputazzjonijiet migjuba.

9. Illi in oltre l-Qorti geghlitu jottempera ruhu fi zmien qasir meta huwa fil-fatt bhalissa w meta nghata is-sentenza qieghed detenut minhabba kwistjonijiet ohra li m'ghandhomx x'jaqsmu.

10. Fliet l-atti kollha processwali.

11. Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

12. Rat illi l-aggravju tal-appellant fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':-

13. Il-fatt illi huwa mar jixtri ghaliha oggetti u tahomlha u tħallas, ma kienx ifisser illi huwa kien qiegħed jagħmel negozju. Jekk ġieli ralha l-magna bi pjacir, ma jfissirx illi huwa kien fetah b'negozju għal rasu u allura kellu bzonn imur jirreġistra ghal VAT.

14. Il-Qorti semgħet ix-xhieda mil-ġdid.

15. Fost ix-xhieda kien hemm Paul Scicluna li kien Prosekutur quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u li kien ippreżenta d-dokument SP1 a fol 7 tal-Proċess.

16. Imbagħad xehed Carmel Camilleri VAT Inspector. Dan qal li kien aġixxew fuq rapport tas-Sinjura Zammit li 'kien għamel xi xogħol fuq il-karozza tagħha u talabha xi ammonti ta' flus.' Huwa ma kienx taha irċevuta fiskali. Darba kienet tatu ċekk li kien issarraf fl-20 t'Awwissu 2008. Meta marru jkellmu lill-appelalnt huwa qalilhom li qatt ma kein aħdem. Huwa qal li qatt ma kien ħa xejn u qatt m'għamel xi xogħol fuq il-karozza tas-Sinjura Zammit. Huma kellhom fotokopja taċ-ċekk in kwistjoni. (fol 16). L-Ispettur żied jgħid li ma kinux iċċekkjaw jekk l-appellant kienx irreġsitrat mal-VAT Department. (Ara wkoll id-dokumenti CC! U CC2 a fol 14 u 15). Huma ma kienu

sabu xejn ħlief iċ-ċekk. L-appellant ma kienx irreġsitrat mal-VAT.

17. It-tielet xhud kienet Sylvia Zammit li qalet li kienet taf lill-appellant bħala **impjegat** għand l-XTC karozzi. Hemmhekk kien għamlilha biċċa xogħol sew. Hija ma baqgħetx tmur għand l-XTC wara li daħħlet Fiat. Hawn l-appellant qalilha li kien qed jaħdem mal-Fiat u li kellu apparat apposta biex kaorozza ma tiskiddjax. Hija ma ratux għali u ddeċidiet li tieħdu. (fol 43). Huwa mar meta hi ma kentix id-dar u sab lil tal-familja li tawh il-bilanċ tal-flus. Hija ma ngħatat ebda riċevuta ta' dan il-ħlas. Kienet ingħatat qisu radio ġdid f'borża tal-plastik. Imbagħad. Madwar jumejn wara, talabha aktar flus biex iwaħħlu. Hi dan m'aċċettatux. Hija talbitu l-kapparra lura u offriet li huwa jieħu l-apparat lura iżda l-appellant ma aċċettax għax hu kien xtrah. L-appellant waħħlu, urieha kif jaħdem u ippruvah. Imbagħad sabilha xi ħaġa miksura fil-karozza. Beda jirranġa u jaqla' waħda wara l-oħra. Huwa baqa' jitlobha l-flus u jgħidilha li għandha l-ħsara.

18. Ix-xhud għarfet id-dokument esibit a fol 11 bħala l-ittra tagħha. Ikkonfermat ukoll li ċ-ċekk a fol 9 kien tagħha. Kull meta kienet ittih xi ħaġa oħra u titlob riċevuta kien jgħidilha li din kienet ġejja. Imbagħad darba ġab biċċa karta mill-invoice books iżda din ma kinitx irċevuta fiskali. Hi kienet qaltlu li dik ma tiswiex u baqgħet tinsisti għal riċevuta fiskali. Sadanittant dejjem kienet għadha ttih u dejjem tistenna l-irċevuta. Hu dejjem kien iġibilha xi ħaġa . Kienet tieħu l-karozza għandu x-Xgħajra u toqgħod ħdejh tarah jiftaħ u jċekċek. Imbagħad kien iwassalha d-dar. Ix-xogħol kien jagħmlu hu.

19. Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li mhux hi li ħadet l-ID Card iżda kien tahielha l-appellant.(Fol 48).

20. Aktar 'l isfel fl-istess fol insibu hekk:

'Difensur: Ma smajtekx tgħid illi talbek xi ħaġa ta' jdejh?

Xhud: Le għax meta kont ngħidlu tini l-irċevuta dejjem kien jgħidli ta' jdejja mhux ħa nżommlok.'

**Xhieda Difiża**

21. Xehed l-appellant li qal li kien jaf li x-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni kienet dilettanta tal-klieb. Kien taha waħda b'xejn iżda baqgħet tinsisti biex ittih il-flus. Kienet qaltlu li għalxejn ma trid xejn. Huwa ċaħad li kien mar jixtrilha xi spare parts għall-karozza u li għamel xi xogħol fuq il-karozza.

**L-eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali**

22. Fit-trattazzjoni l-Avukat Ġenerali ssottometta li r-rikors għandha jkun dikjarat null minħabba li m'hemmx l-imputazzjonijiet u għal-liema sentenza qed jirreferi.

23. Filfatt id-data tas-sentenza kienet indikata ħażin u l-Qorti awtorizzat bidla fid-data biex ikun hemm indikazzjoni eżatt għal-liema sentenza kien qed jirreferi l-appellant.

24. It-tieni r-rikors promotorju kien fih (a) referenza għas-sentenza u għall-piena imposta, (b) il-fatti fil-qosor, (ċ) l-aggravji, u (d) talba għar-revoka tas-sentenza. Ir-rekwiżiti li jitlob l-artikolu 419 tal-Kap 9 huma l-aħħar tlieta msemmija. Dawn jinsabu fir-rikors promotorju u għalhekk l-appellant issodisfa l-kap tal-Liġi. Isegwi l-Qorti qed tiċħad l-eċċezzjoni mqajma mill-Avukat Ġenerali.

**Il-Mertu**

25. Dwar il-mertu, il-Qorti rat u semgħet iż-żewġ xhieda ewlenin jixhdu quddiemha. Il-Qorti issib ix-xhieda mogħtija minn Silvia Zammit bħala waħda ta' min joqgħod fuqha. Hija kienet konsistenti wkoll mal-ittra li kitbet mill-indirizz tagħha lid-Dipartiment tal-VAT u li fiha niżżlet ukoll in-numru tal-karta tal-identita'. Min-naħa l-oħra l-Qorti rat lill-appellant jixhed, qed tiftakar kull kelma li qal u qed iġġib quddiem għajnejha l-mod kif xehed. Il-Qorti ma ssibx il-verżjoni tal-appellant bħala waħda attendibbli. Fix-xhieda tiegħu huwa saħansitra nnega li kien xtaralha xi parts lil Sylvia Zammit meta l-linja difensonali fir-rikors promotorju kienet :

‘Huwa mar jixtri għaliha oġġetti u tahomlha u tħallas.’

26. L-appellant xehed ukoll li kien ta kelba lil Sylvia Zammit u li għal dan l-att ma kien qed jistenna ebda flus u li kienet Sylvia Zammit li nsistiet għal dan. Il-Qorti qieset dan il-kliem bħaal biss diversiv u sempliċiment biex jipprova jikkonvinċi l-Qorti lu hu ma kien ħa xejn ta’ jdejh.

27. L-argument tad-difiża kien li l-appellant ma kienx fetaħ xi negozju u li sempliċment huwa ġieli kien ra l-magna tal-karozza ta’ Sylvia Zammit.

28. Ix-xhud Lydia Zammit kemm fl-ittra kif ukoll meta xehdet fil-kontro-eżami li tgħid dak li kien jgħidilha l-appellant. Infatti fl-aħħar sentenza tal-ittra kitbet hekk:
‘Jekk tgħidli x’żammli ta’ jdejh ngħidlek xejn – għax dejjem hekk qalli.’

29. Mix-xhieda tagħha jirriżulta li l-appellant beda jaqla’ ħaġa wara l-oħra u dejjem jitlobha l-flus. Kien ukoll talabha l-flus biex iwaħħal l-apparat li kien xtralha (fol 44 u l-ittra a fol 11 fejn qalet: L-għada ġie għal xi Lm116 biex iwaħħal l-apparat) Mill-ittra jirriżulta wkoll dan il-kliem:

*‘Imma kif fetaħ il-bonnet urini xi ħaġa miksura li, skont hu, saret bit-traksuraġni ta’ min għamel is-service għand il-Fiat. Irranġa l-ħsara u talabni l-flus.’*

30. Id-difiża tgħid li dan ma jammontax għall-ftuħ ta’ negozju. L-ewwelnett id-definizzjoni ta’ ‘supply’ fil-Value Added Act (Kap 406) tiġbor kull attivita’ ekonomika u ma ssemmix il-ftuħ ta’ negozju b’mod uffiċjali jew mhxu baħala ‘sine qua non’. It-tieni, fuq kollox, ma jidhirx li dan kien każ ta’ darba li ntalbu l-flus mhux biss biex jinxtraw l-ispare parts iżda biex jitwaħħlu wkoll.

31. Għall-prova li ma ngħatat l-ebda riċevuta hemm ix-xhieda ta’ Sylvia Zammit stess.

32. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ippruvat iż-żewġ imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant.

**Konklużjoni**

33. Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad l-appell u, wara li rat il-partiti 1 u 2 tat-13-il Sekeda u l-artikoli 10, 51 u 76 u 77(a)(e) tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta' Malta qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fil-konfront tal-appellant fid-29 ta' Settembru 2010. Il-multa tista' titħalals b'rati ta' tmenin (80) Ewro kull erba' ġimgħat bl-ewwel ħlas isir fi żmien erba' ġimgħat mil-lum. Iż-żmien ta' tliet xhur indikat mill-Ewwel Qorti biex jikkonferma ruħu mal-artikolu 76 jibda jiddekorri min-nofs il-lejl ta' llum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------